# MIĠNUNA

L'għaliex tidħqu biha, qlub kiefra,
Għax lilha magħdura taraw?
Sabbruha fit-telfa li ġarrbet
Jekk tridu wiċċ Alla taraw;
Jien nafha fuq ruħha, sabieħa;
Minn ġmielha tliet għonja 'nnamraw.
It-telfa ta' binha l-waħdani
Tefgħetha ġe baħar ta' mrar:
La torqod, la tiekol, biss tibki,
Weħidha bil-lejl u bi nhar.
Ħadd lilha ma sabbar, nies kiefra,
Miġnuna weħidha ġe' d-dar.
Araha tiskanta, titbissem
Jew tgħolli leħinha fis-skiet
U tgħanni lil binha, miskina,
Imdawwar bil-ħolm tal-imwiet!
Jew tilbes il-libsa tal-btajjel
U tiġri weħidha fl-ibliet.
Tistaqsi lil dak u lil ieħor:
"Għiduli, lil ibni rajtuh?"

Karm Debono